MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 1004/2006

**Talba Nru: 1004/06VGD**

Jennifer Zahra (Id 484076M) f'isimha proprju u f'isem il-minuri Kurt Bonello.

Vs

Ian Bonello.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici pro et noe talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf u mitt Lira Maltin (Lm1,100) rapprezentanti manteniment dovut lilha mill-konvenut ghall-minuri Kurt

Bonello skond digriet numru 266/05/JA li permezz tieghu gie iffissat manteniment ta’ Lm100 fix-xahar, u liema somma tirreferi ghall-manteniment dovut minn Jannar 2006 sa Novembru 2006.  Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa ili (i) it-talba kif dedotta tal-attrici ghandha tigi michuda stante li hi infondata fil-fatt u fid-dritt, u (ii) illi kif ser jirrizulta mill-provi, l-konvenut ghamel il-pagamenti ta’ manteniment permezz ta’ cheques, u (iii) illi l-kawza hi frivola u vessatorja maghmula biss biex iddejjeq u tivvessa lill-konvenut stante li gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati, u (iv) il-konvenut m’ghandu jhallas ebda imghax, u (v) l-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-istess attrici.  Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Sema x-xhieda tal-attrici Jennifer Zahra.

Sema x-xhieda ta’ Theresa sive Tessie Bonello prodotta mill-konvenut.

Sema x-xhieda tal-konvenut Ian Bonello.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi fl-Avviz pprezentat minnha, l-attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf u mitt lira Maltin, (Lm1,100), rapprezentanti manteniment ta’ mitt lira (Lm100) fix-xahar minn Jannar tas-sena 2006 sa Novembru tas-sena 2006, dovut minghand il-konvenut lill-attrici ghall-minuri Kurt Bonello, liema ammont ma thallasx mill-konvenut.

Illi in sostenn tat-talba taghha, l-atttrici esebiet Digriet datat 3 ta’ Marzu 2005, moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ta’ Lm100 fix-xahar ghall-minuri.

Skond l-attrici, l-ahhar pagament li sar mill-konvenut kien f'Dicembru 2005, u minn dakinhar il-konvenut ma kienx baqa jhallas aktar manteniment, tant li ttiehdu passi kriminali kontra tieghu.

Illi fit-23 ta' Marzu 2006, kien sar ukoll ftehim bil-miktub bejn il-partijiet sabiex, fost affarijiet ohra, il-konvenut jibda jhallas il-manteniment permezz ta' 'standing order', liema 'standing order' pero qatt ma saret.

Minn-naha tieghu, il-konvenut isostni illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut minnu permezz ta' cekkijiet. Il-konvenut anki esebixxa kopji ta' hdax (11) il-cekk li jkopru l-perjodu in kwistjoni u cioe, minn Jannar tas-sena 2006 sa Novembru tas-sena 2006. Huwa pero xehed bil-gurament illi jaf li dawn ic-cekkijiet kollha ma ssarfux u dan ghaliex l-ammont tac-cekk qatt ma naqas mill-kont tieghu. Il-konvenut xehed ukoll hekk:- '***Nikkonferma li c-cekkijiet kollha li ghaddejt lill-attrici qatt ma ssarrfu. Jiena ma nteressajtx ruhi nara ghalfejn dawn ic-cekkijiet ma kienux qeghdin jissarrfu. Jiena kont ikkonfrontajt lill-attrici illi ma kienitx qed issarraf ic-cekkijiet u hi kienet qaltli li jien ma kontx qed nghaddilha l-ebda cekkijiet***.'

Illi fir-rigward ta' dan, sussegwentement l-attrici xehedet illi hija qatt ma kienet rat dawn ic-cekkijiet, li kopja taghhom giet esebita mill-konvenut. Hi cahdet ukoll illi l-partijiet kienu tkellmu fuq xi cekkijiet li ma kienux qedin jissarrfu minnha.

Illi mill-provi prodotti, jidher car illi l-ammont mitlub mill-attrici ghadu dovut lilha, u dan anki fuq ammissjoni tal-konvenut stess, li xehed illi c-cekkijiet li ghadda lill-attrici qatt ma ssarrfu.

Oltre dan, it-Tribunal jidhirlu li l-versjoni tal-fatti tal-attrici hija ferm izjed kredibbli minn dik tal-konvenut li jallega li huwa hallas permezz ta' cekkijiet li l-attrici ghazlet li ma ssarrafx, ghal ebda raguni valida. In ogni caso jibqa l-fatt li l-konvenut kien altru milli konxju li effettivament l-manteniment dovut minnu ma kienx thallas lill-attrici, u

kien anki jaf b'dan meta pprezenta r-risposta tieghu f'din il-kawza, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex m'ghandux ibghati ukoll l-ispejjes ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attrici u jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u b'hekk jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------